# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Numru 2368

Kaz Nru: 3061 / ET

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Josette Mifsud (I.D. 192167(M)

u

Gafa Saveway Ltd (C 15908)

Illum: 19 ta' Frar, 2015

*dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

CHAIRMAN: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip. Mgt

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie ntavolat, permezz ta' rikors mill-Avukat Dr. Aron Mifsud Bonnici fil-11 ta' Settembru 2012, físem ir-rikorrenti Josette Mifsud.

Dan il-kaz bdietu c-Chairperson Ms Mary Gaerty u ghadda ghand is-Sur Edmund Tabone fis-17 ta' Ottubru 2013.

Fir-rikors Dr. Mifsud Bonnici allega li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrenti, li saret fit-13 ta' Gunju 2012 mis-Socjeta' ntimata, kienet motivata minn ragunijiet li mhumiex tajba u

sufficjenti skond il-ligi. Ir-rikorrenti ghaldaqstant qed titlob dawk il-provvedimenti dovuti skond il-ligi nkluz kumpens.

Da parti taghha s-socjeta' ntimata ddikjarat li l-kaz mhux ta' tkeccija u dan peress illi s-socjeta' mpjegat lir-rikorrenti u qalulha li kellhom bzonn s-servizzi taghha fl-ajruport internazzjonali ta' Malta li s-socjeta' kienet inkarigata mit-tindif. Ghal xi raguni r-rikorrenti qatt ma rrapurtat ghax-xoghol u wkoll irrifjutat li tigbor il-paga taghha. It-terminazzjoni saret mis-socjeta' ghaliex ir-rikorrenti qatt ma rrapurtat ghax-xoghol u s-socjeta' tinsab ferm sorpriza li r-rikorrenti qed tallega li hija kienet imkeccija.

**Fatti**

Ir-rikorrenti bdiet tahdem mas-socjeta' ntimata fl-1 ta' April, 2012, bhala cleaner. Ir-rikorrenti bdiet tahdem mas-socjeta' ntimata wara *transfer of business* min mal-kumpanija Clentec. Mal-Clentec r-rikorrenti kienet tahdem St. Vincent de Paul. It-terminazzjoni saret fit-13 ta'Gunju 2012.

Ir-rikorrenti baqghet tahdem St. Vincent de Paul sa' l-4 ta' Gunju, 2012, meta r-rikorrenti ntalbet biex tmur tkellem lil Ms Paulette Gafa l-Head Office tas-socjeta li qieghed fl-ajruport. Dan l-appuntament kien ghal-5 ta' Gunju 2012. Ir-rikorrenti ma marritx ghall-appuntament. Is-socjeta' dakinhar stess infurmat b'íttra (Dok PG3) lir-rikorrenti bl-assenza taghha u talbitha ccempel biex taghmel appuntament iehor fi zmien tlett (3) ijiem.

Jidher li fit-13 ta' Gunju 2012 ir-rikorrenti cemplet ghal l-appuntament fit-08:00 hours u nghatat appuntament ghad-09:00 hours izda rrifjutatu ghax qalet ir-rapprezentant taghha me setghax jattendi. Wara ftit ir-rikorrenti cemplet lis-socjeta' ntimata fit-8:15 hours u qaltilhom li m'ghandhiex min iwassalha.

Fil-15 ta' Gunju, 2012, is-socjeta' kitbet lid-Direttur tax-Xoghol li l-impjieg tar-rikorrenti gie tterminat fit-13 ta' Gunju, 2012, ghaliex ir-rikorrenti naqset li tirraporta ghax-xoghol kif mitluba fil-5 ta' Gunju, 2012. Is-socjeta' ukoll baghtet cheque ma' l-ittra b'dak dovut b'lura lejn ir-rikorrenti. Fil-fatt dan ic-cheque ma' setghax jinzamm mid-Dipartiment tax-xoghol ghaliex ir-rikorrenti, skond id-Dipartiment ma' kienetx ghamlet l-ebda 'claim' mid-Dipartiment koncernat.

**Provi**

F'dawn il-proceduri xehdu r-rikorrenti, Paulette Gafa – Direttur tas-Socjeta' ntimata, Rose Calleja, Rita Dimech u Tatiana Ivanova – haddiema mas-Socjeta' ntimata, Romina Veneziani – Ufficjal DIER, Kevin Camilleri – Segretarju GWU u Julie Magro u Angela Borg – Nursing Staff St. Vincent de Paul. Diversi dokumenti gew esebiti.

**Konsiderazzjonijiet**

Dan it-Tribunal ghandu biex jikkunsidra jekk it-terminazzjoni tar-rikorrenti kienetx tkeccija.

Iz-zewg dikjarazzjonijiet tal-kaz kellhom id-djufija taghhom.

Dik tar-rikorrenti ma tispecifika l-ebda raguni li wasslet ghat-tkeccija jew terminazzjoni u li kienet motivata minn ragunijiet li mhumiex tajba u bizzejjed.

Dik tas-Socjeta' tikkontradixxi x-xhieda tad-Direttrici tas-socjeta' stess. Illi fil-waqt li d-dikjarazzjoni tghid car li rrikorrenti kienet giet mitluba taghti s-servizzi taghha fl-ajruport, ix-xhud qalet li r-rikorrenti kienet giet maghjta l-ufficju ta' l-ajruport biex ikellmuha fuq dixxiplina li kienet tirrigwardja disrispett lejn is-superjuri mil-lat ta' attitudni. Dan xehduh is-supervisors tar-rikorrenti ta' St. Vincent de Paule.

Rose Calleja fix-xhieda taghha qalet li r-rikorrenti kienet taghmel ta' rasha meta tigi kkoreguta fuq tindif. Darba sabbtet il-lapes meta qaltilha biex toghodd il-moppijiet quddiem is-Sur Gafa – Direttur. Qalet li r-rikorrenti rceviet ittra biex tmur l-ufficju tal-Head Office tas-Socjeta' ntimata fl-ajruport u ma taghtx kas ta' l-ittra. Qalet li qatt ma regghet rat lir-rikorrenti u ma tafx x'kien gara.

Rita Dimech, Supervisor ohra f'San Vincenz, hadmet xi xaharejn mar rikorrenti. Rita Dimech qalet li meta kienet tikkoregi lir-rikorrenti din kienet tissuppervja u tirrabja u ma titkellimx. Kienet konoxxenti li ma marritx il-Head Office biex ikellmuha ghax giet ghax-xoghol San Vincenz imma kellhom gja 'replacement' sakemm ir-rikorrenti tmur il-Head Office u terga' tigi. Fil-kontro-ezami Dimech qalet li kienet is-supervisor l-ohra Rose Calleja li qaltilha li r-rikorrenti kellha tmur il-Head Office biex tlesti 'replacement'.

Tania Ivanova kienet l-ahhar supervisor li xehdet. Tania Ivanova qalet li r-rikorrenti ma kienetx tobdi. Qalet li kienet irrapurtatha lil Head Office. Tania Ivanova kienet taf bl-itta li r-rikorrenti kellha tmur Head Office u ukoll li ma maritx. Fil-konto-ezami Tania Ivanova qalet li r-rikorrent kienet tinjora l-istruzzjonijiet.

Is-Sur Kevin Camilleri – Segretarju tal-GWU u rapprezentant tar-rikorrenti fix-xhieda tieghu qal li r-rikorrenti giet moghtija l-ajruport biex tibda tahdem hemm ghax kieku ma kienetx titnehha mir-roster ta' San Vincenz. Huwa sostna li s-socjeta' ma kellhiex dan id-dritt minhabba l-ftehim 'tat-transfer of business' u li dan kien stipluat fil-kuntratt tar-rikorrenti.

Xehedu wkoll ward nurses minn San Vincenz. Angela Borg kienet taf lir-rikorrenti ghal madwar sentejn. Angela Borg qalet li r-rikorrenti dejjem kienet taghmel xogholha sew, nadifa u tipprova taqdi fejn tista. Kienet ukoll ghamlitilha referenza tajba (Dok AB1).

Julie Borg kienet tirraporta lil Angela Borg. Qalet li r-rikorrenti kienet ezemplari f'xogholha u qatt ma kien hemm inkwiet maghha. Kienet ukoll ghamlet referenza pozittiva lir-rikorrenti (Dok JB1).

Waslet biex tixhed ukoll ir-rikorrenti. Ir-rikorrenti qalet li kull meta jaraha, is-Sur Dominic Gafa – Direttur Gafa Safeway Limited, kien jitloba l-*employment history*. Hi ghal l-ewwel ma kienetx taf x'inhi imma saqsiet lill-Union u qalulha biex ma taghtijilux. Minn dakinhar meta qaltlu

hekk, hi qalet li nbidel fil-konfront taghha. Darba qalilha biex toghodd il-bicciet u bdiet toghddhom tghajjat. Dan kien it-3 ta' Gunju 2012. Hi ukoll qalet li sabbtet il-lapes, imma mhux li ghaddietu ma' wicc is-supervisor. Hi dakinhar telqet fil-hin fis:18:00. L-ghada dahlet xoghol fis-07:00. Kellha telefonata mis-Supervisor Rita Dimech biex l-ghada 5 ta' Gunju 2012 tirraporta Head Office. Qalet li s-Sur Gafa qalilha 'Ma tridx tkun taf ghaliex se nnehhik min hawn'. Qaltlu 'ghala?' Qalilha ghax kont arroganti. Ir-rikkorenti kkonfermat li ma marridx fil-5 ta' Gunju 2012, il-Head Office, ghax kienet l-off taghha imma ma qaltilhomx. Fis-6 ta' Gunju 2012, kellha appuntament l-isptar u kienet leave. Hi lanqas qaltilhom li fis-6 ta' Gunju 2012 kienet leave.

Fis-7 ta' Gunju, 2012, ir-rikorrenti dahlet xoghol San Vincenz u qalulha li s-sala ta' fejn kienet tahdem tawha lil-haddiehor. Gie is-Sur Darmanin, is-Segretarju tal-Union u marru l-ufficju ta' Gafa Saveway Ltd f'San Vincenz. Meta s-sur Darmanin saqsa ghas-Sur Gafa qalulu li msiefer.

Ir-rikorrenti kienet qalet li se tmur l-Head Office imma qalet li ma marridx fuq parir tas-Sur Darmanin. Hi qalet li keccewha ghax qalulha ggib l-ID Card biex intuk hinijiet godda. Darmanin qalilhom li din se tohrog bil-*long leave* halli meta jigi lura s-Sur Gafa nitkellmu. Fid-9 ta' Gunju, 2012, rceviet ittra fejn inaghtat tlett ijiem biex twiegeb, u fl-assenza kien ifisser li mhux iktar interessata fl-impjieg. Meta rceviet l-ittra cemplet u s-Sur Gafa u hu qalilha cempel nha it-Tnejn 11 ta' Gunju 2012. Cemplet it-Tnejn, fit 08:00 u qalulha ghandek appuntament fid-09:00. Ir-rikorrenti qaltilhom li trid rapprezentant maghha u qaltilhom biex terga' c-cempel l-ghada. Huma qalulha biex iccempel l-ghada 12 ta' Gunju 2012, fis 07:45. L-ghada cemplet fil-11:00 u qalulha biex tigi tigbor il-paga ghax kienet irrezenjat. Fil-15 ta' Gunju 2012, marret biex tigbor il-paga u s-Sur Gafa qalilha biex tiffirma. Ir-rikorrenti ma ffirmatx u s-Sur Gafa qalilha mela c-cheque tal-paga se jintbaght il-Labour Office. Hi wriet ittra mill-ETC li rrezenjat. Fil-kontro-ezami r-rikorrenti qalet li kien s-Sur Darmanin li qalilha biex ma taghtix 'l-*empoloyment history*' lis-Socjeta'. Meta mistoqsija fuq l-arroganza msemmija mix-xhieda qalet li halfu hazin.

Fit-trattazzjoni finali, Dr. Aron Mifsud Bonnici ghar rikorrenti, enfazizza l-punt tat-trasferiment ta' negozju. Qal li l-Ligi tghid li l-haddiema jimxu min operator ghal l-iehor u jgorru maghhom il-kundizzjonijiet ili kellhom u allura jfisser trasferiment ta' l-obbligi u drittijiet tal-haddiema wkoll. Illi r-rikorrenti bdiet tahdem mas-socjeta' ntimata bhala kontinwazzjoni ta' servizz illi kienet diga tahdem taht l-istess kuntratt ta' xoghol li kellha mal-operatur precedenti u ghaldaqstant ma seteghtx tigi mcaqalqha minn San Vincenz skond il-kuntratt. Fit-trattazzjoni finali taghha, is-socjeta' ntimata permezz ta' Dr Edward Gatt qalet li s-socjeta' baghtet ghar rikorrenti biex jigbdula widnejha ghaliex kien hemm hafna lmenti u mhux biex jitrassferuha. Il-provi huma cari dwar dan. Illi sempliciment baghtu ghaliha l-Head Office go Hal-Luqa biex ikellmuha. Dr. Edward Gatt ukoll sostna li s-socjeta' xorta kellha dritt li tbiddel il-post tax-xoghol. Ma jidhirx li tkun inkisret xi prassi jekk jinbidel il-post tax-xoghol, bix-xoghol u kundizzjonijiet jibqghu kollha l-istess. Madankollu r-rikorrenti kienet hi li ma marritx aktar ghax-xoghol ghaldaqstant irrezenjat u mhux tkecciet.

Dan Permess it-Tribunal jikkunsidra li:

It-Tribunal jinnota nuqqasijiet serji fuq iz-zewg fronti, kemm minn naha tas-socjeta' ntimata kif ukoll minn naha tar-rikorrenti.

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz is-socjeta'  qed tikkonferma li s-servizzi tar-rikorrenti kellha bzonnhom l-ajruport.  Igiefieri dikjarazzjoni ta' trasferiment.  Fix-xhieda tas-socjeta'  stess f'livell ta' direttur u anke fir-trattazzjoni finali, dan kollu gie mibdul ghal-laqgha ta' dixxiplina.  Dan nuqqas serju.

Ir-rikorrenti minn naha taghha agixxiet b'mod konfrontanti u xejn kooperattiv anke ghal gid taghha stess.  Meta giet infurmata biex tmur Head Office zbaljat li ma marritx mill-aktar fis.

**<u>Decizjoni</u>**

Dan it-Tribunal qed jiddeciedi li s-socjeta'  ntimata naqset meta biddlet xi ddikjarat fil-bidu, u li s-sitwazzjonijiet segwenti wasslu ghat-terminazzjoni tar-rikorrenti u ghaldaqstant ghandu jinghata kumpens ta' elf euro (€1,000) lir-rikorrenti.

Dan il-kumpens ghandu jithallas mis-socjeta'  ntimata fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghal-finijiet tal-kap 452 tal-ligijiet ta' Malta rigwardanti d-drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' tlieta u disghin euro u sbatax  €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Iffirmat :   **Edmund Tabone   M.A., B.A. (Hons), Dip.Mgt**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**A/Segretarja**